Minuti tat-tnejn u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis 21 ta' Lulju, 2011 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Larry Buttigieg – jixtieq li korrispondenza urgenti kif ukoll korrispondenza li tkun ser tigi ppubblika, issir laqgha urgenti qabel bejn il-kunsill kollu.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Memo 63/2011: is-sindku spjega li din l-iskema hi ndirizzata ghal-kunsilli zghar, fejn hemm hames membri eletti. Il-kunsill qabel mas-sindku li ssir applikazzjoni ghal fondi fuq ir-rikostruzzjoni tal-Ghajn tal-Hasselin. Is-sinkdu kompla jghid li l-Kunsill ircieva l-permess finali min ghand il-MEPA u ghalhekk jista jinbeda x-xoghol.
   - Kwotazzjoni tal-aluminium ghal-Librerija, Berga u bieb fl-Ufficcju tal-Kunsill - €1,481. Il-kunsill approva li dawn isiru.
   - Evalwazzjoni tat-tender fuq Lokalitajiet Sostenibbli – il-kunsill qabel li jaqbel mar-rapport tal-evalwazzjoni u ghalhekk qabel li jahtar lil-ADI Associates bis-somma ta' €15,222.
   - Artiklu fil-Ktieb tal-festa mahrug mill-Banda San Guzepp - il-kunsill qabel li jaghmel pagna shieha, *Black and White* bil-prezz ta €100
   - Arriva – is-sinku spjega kif huwa flimkien mas-segretarju ezekuttiv attendew ceremonja ta' twaqqif mil-kunsill civiku f'Ghawdex, li l-esebizzjoni infethet mill-Prim Ministru. Is-sindku rrakkonta li huwa saqqaf wiccu u stqarr mal-Prim ministru li il-kunsill huwa insulentat li l-arriva ma tghaddix mir-rahal

- Madum fil-Librerija – Il-kunsill talab lil-Ministru ghal-Ghawdex biex peress li qed jinbidel l-madum tal-kuritur tal-iskola primarja f'Ghajnsielem, il-madum tal-Librerija isir mill-Ministeru. Din it-talba giet accetata.

- Knis – is-sindku ta rendikont tal-laqgha li saret mal-KIP il-gurnata ta' qabel rigward il-problema tal-knis fit-toroq. Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti s-sindku, is-sur Bonnici, is-segretarju ezekuttiv kif ukoll l-contract manager tal-kunsill. Is-Sur Bonnici fehem is-sitwazzjoni tal-Kunsill u wieghed li ser jirranga s-sitwazzjoni mal-haddiema biex jerghu jibdew jaghmlu xogholhom kif suppost. Is-sindku spjega kif mill-invoice tax-xahar ta' Mejju, ser jithallas 48% min dan il-kont, peress li l-haddiema hadmu 48% mill-hin li suppost jahdmu. Il-kunsill qabel ma dan. F'din il-laqgha diet diskuzza l-attendenza tal-haddiema fix-xahar ta' Gunju, fejn l-istess procedura ser tintuza, fejn ser jitnaqqas ammont mill-kont skond l-attendenza.

- Ittra ta rezenja min Contract Manager – il-kunsill wera d-dispjacir tieghu ghal din ir-rezenja

- Xatt l-ahmar – il-bajja tnadfet mill-alka u qed isiru xi xogholijiet mill-Ministeru ghal-Ghawdex. Is-sindku talab lis-segretarju ezekuttiv biex taghmel rapport lil-pulizija li turi l-vendikazzjoni li qed issir f'din il-bajja.

- Ghawn tal-Kliem – inqalu xi lmenti li x xatt l-ahmar ma tistax tnizzel l-klieb ghal-ghawn.

- Bajja ta Jordun – laqgha ma Manuel Tabone, Enginier u head tal-beach cleaners – bhala misura temporanja ser isir railing. Huma saqsew lil kunsill jekk jistghax igib crane u titnehha l-bicciet tal-konkos bil-hadid b'kollox.

- Ta' Passi – l-applikazzjoni mixja u il-gimgha li ghaddiet cemplu mill-Enforcement tal-Mepa biex l-grotta u l-parti li ghad fadal mill-Lukanda. Mill-enforcement tal-MEPA tawna cans li jizzarmaw

- Anthenna tal-Go – twahlet anthenna fit-Triq il-Gnien li taghti ghal- Triq Bahhara, skond LN115/07 ir-resident ghandu kull dritt li jwahhal din l-anthenna. Il-bierah inkitbet email lil Malta Communication Authority fejn giet spjegata is-sitwazzjoni.

- Ghajn tal-Hasselin – il-gimgha li ghaddiet is-sindku u s-segreatrju ezekuttiv ghamlu zjara lil Bibjoteka nazzjonali, santu spirtu u l-ufficcju tas-superintendence of cultural heritage. Jitqabbad historian Godwin Vella biex jaghmel studju fuq l-ghajn.

- Tisqija tal-gonna – kull hmistax u l-kunsill qabel li jbaqqad lil Richard Attard biex isaqqi dawn il-gonna

- Kera fuq l-ufficcju tal-kunsill – il-kunsill qabel li mix-xahar li gej ser tibda tithallas xahar xahar min qabel, skond il-bzonn.

- Kids Fair - il-kunsill qabel li din is-sena ser issir 11 ta' Settembru, mid-9 sa 2pm.

4. Zjara ghal-Bethlehem

Is-segretarju ezekuttiv qalet lil prezenti li l-OPM lest li jaghti €2,500 li jghejnu biex itaffu l-ispejjez involuti ghal din iz-zjara. Il-kunsill qabel li johrog €2,000 mill-fondi tal-Kunsill u l-kumplament johorguhom kull kunsillier. Il-kunsill qabel ukoll li jhallas il-passagg tas-sur Joe Mifsud peress li huwa qed jiehu hsieb din iz-zjara. Il-kunsill qabel li jixtri xi affarijiet bhala rigali ghas-sindki

5. Tender – Vertical Blinds

3 bidders – Portelli & Brincat - €2,099.60

Home Interior Decorations - €2,043.11

Anthony Camilleri – €2,204.24

Is-Sur Mercieca iddikjara li ghandu kunflitt t'interess u hareg il-barra mill-kamra. Is-segretarju ezekuttiv stqarret li dak inhar irciviet set ta' *specifications* min ghand Portelli & Brincat, fejn dawn ma gewx prezentati mat-tender. Kien ghalhekk li l-kunsill qabel li jitlob l-garanzija tal-materjal, u jikkjarifika jekk humiex fire retartardant tal-Home Interior Decorations, u jekk iva, jaghzel l-irhas.

6. Materji ohra

Stephen Mercieca
- Double line fit-Triq Barumbara – il-kunsill qabel li jitlob l-approvazzjoni ta TM

Joe Camilleri
- Talba lil Lands Department jekk hemmx bicca art ta l-inqas 150m b'70m. Kulhadd qabel li tintbaghat ittra lil Lands
- Triq il-Brieghen – qed jinbnew il-hitan tas-sejjieh u staqsa min qed jibnih biex filkas il-faccata ta fejn qed jinbena jahsbu ghal-ilma tax-xita. Is-sindku ser isaqsi min qed jibnihom
- Nibaghtu ittra lil-Maritime biex jitnangaw il-pjanti u l-pots li hemm fuq il-breakwater ix-xatt.
- Premjazzjoni ghal-isbah tizjin u l-isbah presempju – nixtru ir-rigali minn Christmas in August fid-Dar Guzeppa Debono.
- Ix-xatt l-ahmar 2/3 bankijiet tal-konkos – is-sindku ser isaqsi lic-CMU ghal-forom.
- Tabella li zzom l-klieb bic-cinga fix-xatt l-ahmar

- Ittra lil banek ghal ATM jew servizz ta banking fic-centru civiku

- Tindif tal-fontana tal-pjazza tad-Dehra – titnaddaf bil-wire brush

- Xatba ta l-injam fil-pjazzeta 10 ta' Dicembru

Francis Cauchi

- Jinbidlu 2 bankijiet fit-triq il-gnien.

Peter Caruana

- Xitla ta guda – xitla tipika f'Ghajnsielem li tigber f'Ta Passi

- Xitla tal-Luq – xitla li qeghda fil-passagg f'ischool of arts.

- Jitnaddaf it-tieni passagg

Larry Buttigieg

- Fanal quddiem tal-Buzaqq – is-sindku irrisponda li ghadu qed jistenna min ghand il-kuntrattur

- Fontana Pjazza 10 ta' Dicembru – saret diskussjoni u giet decis li isir timer biex ghalmenu tithaddem bl-ilma f'certu hinijiet

- Staqsa jekk kienx hemm xi laqgha tal-Arriva fejn il-kunsill Lokali t'Ghajnsielem m'attendiex – is-sindku cahad u qal li dan m'hux minnu, fejn fil-laqgha li saret f'Marzu fl-ufficcju tal-NGO, huwa kien prezenti.

- Issugerixxa li naghtu rigal ta' tifkira lit-tfal li hadu sehem fl-attivitajiet taht l-iskema sports u dan jigu prezentati f'cerimonja li ssir apposta. Huma kompla jghid li mbad il-kunsill jiprovdi xi ftit refreshments. Il-prezenti qablu ma dan.

Il-laqgha ntemmet fit-5.30pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 18 ta' Awwissu, 2011 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv